

Brussell, 14 ta' Diċembru 2018
(OR. en)

15480/18

Fajl Interistituzzjonali:
2016/0256(COD)

CODEC 2314
SOC 783
EMPL 588

NOTA PUNT "I/A"

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Suġġett:	Abbozz ta' REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL li jistabbilixxi l-Fondazzjoni Ewropea għat-Titjib tal-Kondizzjonijiet tal-Ħajja u tax-Xogħol (Eurofound), u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 1365/75 (l-ewwel qari) - Adozzjoni tal-att leġislattiv

1. Fit-23 ta' Awwissu 2016 il-Kummissjoni bagħtet lill-Kunsill il-proposta msemmija hawn fuq¹, ibbażata fuq l-Artikolu 153(2) TFUE.
2. Il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew ta l-opinjoni tiegħu fit-30 ta' Marzu 2017².
3. Il-Kumitat tar-Reġjuni kien ikkonsultat.

¹ 11530/16.

² ĠU C 209, 30.6.2017, p. 49.

4. Fil-11 ta' Diċembru 2018 il-Parlament Ewropew adotta l-pożizzjoni tiegħu fl-ewwel qari dwar il-proposta tal-Kummissjoni. Ir-riżultat tal-votazzjoni fil-Parlament Ewropew jirrifletti l-ftehim ta' kompromess milħuq bejn l-istituzzjonijiet u, għaldaqstant, għandu jkun aċċettabbli għall-Kunsill³.
5. Il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti huwa għaldaqstant mitlub biex jikkonferma l-qbil tiegħu u jissuġġerixxi li l-Kunsill
 - japprova l-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew, kif tinsab fid-dokument PE-CONS 63/18, bħala punt "A" f'laqgħa li jmiss;
 - jordna li d-dikjarazzjonijiet fl-addendum għal din in-nota jiddaħħlu fil-minuti ta' dik il-laqgħa.

Jekk il-Kunsill japprova l-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew, l-att legiſlattiv ikun adottat.

Wara li jiġi ffirmat mill-President tal-Parlament Ewropew u mill-President tal-Kunsill, l-att legiſlattiv ser jiġi ppubblikat f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

³ 15227/18.